# BEATI U QADDISIN...APRIL

## SANTA JULIE BILLIART (1751- 1816)

## APRIL 8

Twieldet gewwa Cuvilly fi Franza go familja sinjura ta' haddiema ta' l-ghelieqi. Kienet ghadha zghira, imma Marie Rose Julia Billiart bdiet turi interess fir-religjon u toffri l-ghajnuna taghha lill-morda u lill-foqra.



Ghalkemm l-ewwel snin ta' hajjitha kienu relattivament zmien ta' paci, Julie kellha tmidd idejha bhala lavranta meta l-familja taghha tilfet flusha. Madanakollu kienet tghaddi z-zmien liberu taghha tghallem il-katekizmu liz-zaghzagh u lil haddiema ta' l-ghelieqi.

Meta kellha tletin sena mardet. Hija kienet xhud ta' attentat ta' qtil fuq missierha u dan hallieha paralizzata. Mis-sodda tal-mard taghha hija kompliet tghallem il-katezmu u attirat hafna vizitaturi biex jisimghu l-pariri spiritwali taghha meta dawn semghu bi qdusitha.

Meta sehhet ir-rivoluzzjoni franciza fis-sena 1789 il-forzi revoluzzjonarji saru jafu bl-allejanza taghha lejn is-sacerdoti li kienu riedu jaharbu. Bil-ghajnuna ta' xi hbieb hija nharget minn Cuvilly f'karrettun tas-silla. Ghaddiet hafna snin tghix minn dar ghal dar gewwa Compiegne minkejja li kienet tghaddi minn tbatijiet fizici.

Ghal xi zmien tilfet is-sens li titkellem. Imma dan iz-zmien kien zmien li fih kibret fl-ispiritwalita'. Kien zmien li fih hi rat vizjoni tal-Kalvarju mdawwar bin-nisa libsin tunici religjuzi u semghet vuci tghidilha: " Dawn l-ulied spiritwali jiena nghatihomlok f'Istitut immarkat b'salib."

Maz-zmien Julie qalbet ghal ahjar u ghamlet hbieb ma' mara aristokratika jisimha Francoise Blin de Bourdon li kellha l-istess ideal li tghallem il-katekizmu. Fis-sena 1803 iz-zewg nisa waqqfu l-Istitut ta' Notre Dame li kellu bhala l-ghan ewlieni tieghu l-edukazzjoni nisranija lit-tfajliet u t-tahrig tat-katekisti. Is-sena ta' wara l-ewwel sorijiet ghamlu l- voti taghhom. Kienet l-istess sena li Julie fieqet mill-marda taghha. Kienet kapaci timxi ghal l-ewwel darba wara 22 sena. Barra li kienet attenta ghall-htigijiet tal-foqra ndunat li kien hemm klassijiet ohra ta' insara li kellhom bzonn tat-taghlim kattoliku.

Sa ma mietet bdiet tiftah skola wara l-ohra fi Franza u l-Belgju li kienu jaqdu kemm lill-foqra kif ukoll lis-sinjuri, waqqfet gruppi ta' vokazzjoni u ghaqdiet ta' ghalliema. Julie mietet gewwa l-Belgju fejn ittrasferiet il-casa madre fis-sena 1816. Is-sena 1969 rat il-kanonizzazzjoni taghha.

Il-mard ta' Julie ma kienx kagun li jimpediha li twettaq bosta attivitajiet. Kull wiehed minna ghandu l-limitazzjoni tieghu imma l-aghar marda li nistghu nsofru hija l-paralisi spiritwali li jimpedina li naghmlu x-xoghol ta' Alla hawn fid-dinja.